TIFCHIRA

# TAL FESTA

Li Saret F'Haz-Zebbug

FIS-26 TA SETTEMBRU 1937

GHELUK IT-TIENI CENTENARIU

MIT-TUELID TAL

## Cbir Patriott

# *D. MICHIEL XERRI*

**1737 - 1937**



**DUN MICHIEL XERRI.** *Xoghol ta V. Caruana.*

*Dulce et decorum est*
*pro patria mori. Hor.*

LIL

# DUN MICHIEL XERRI

VERU SACERDOT TA CRISTU
PATRIOTT MINGHAJR TEBGHA
LI BLA BIZGHA
HAJTU OFFRA
GHALL FIDI TA RUMA
U GHALL L'IMHABBA
TA ART TUELIDU.

**Il Poplu Malti**
**Specialment Ta Haz-Zebbug**
**Uakt Li Jiftacar**
**F'Dan Il CBIR**
**Iriò Li F'cull Prova**
**Fuk L'Esempju Tieghu**
**Dejjem Jimxi**

# CUMITAT
# TAL FESTA TAT-TIENI CENTENARJU
# MIT-TUELID TA

# Dun Michiel Xerri

PRESIDENT ONORARIU

Ill.mu u Rev.mu Mons. Carmelo Psaila

PRESIDENT EFFETTIV

V. R. Arcip. Sac. Salvatore Milanesi

SEGRETARIU

U. R. Sac. Antonio Cilia D.D.

MEMBRI

U. R. Sac. Salvatore Zammit
U. R. Sac. Alessandro Zammit
U. R. Sac. Loreto Callus
U. R. Carmelo Farrugia D.D.
U. R. Sac. Pio Farrugia
Is-Sur David Camilleri
Is-Sur Carmelo Cauchi
Is-Sur Antonio Debono

# DUN MICHIEL XERRI

## Ahbarijet Storici mictubin f'gheluk il mitejn sena minn tuelidu (1737-1937.)

Die li uehed jiftacar fil ebar ta l'imghoddi ma ghandhiex tittiehed bhala ftahir iblah izda ghandha tigi mekjusa bhala hagia sewwa u ta min ifahharha la darba hu dmir ta cull min ihobb art tuelidu li jahseb hu u igieghel lil min jahseb f'daun li bla ma kiesu l'ebda ftit dac li chien jakblilhom tar cull ma chellhom u cull ma setghu ghal gid ta l'ahua tahhom b'mohhom mistrieh li dan chien dmirhom xejn ankas u izjed.

Ghalhecc din it-tifchira ta D. Michiel Xerri.

Min chien u x'ghamel dan il kassis?

B'din id-dakxejn ta chitba nifhmu li immiegbu ghal din il mistoksija.

Habta ta mitejn sena ilu Haz-Zebbug chien jinsab fl'akua tighu. Gabillotti tajbin, cummerc tal kotón u tal insig ghal l'ahhar, cotra ta kassisin li chienu fuk is-sebghin uiehed, bafna professionisti, collox chien jata palata (1). Dan jurina chemm chien hemm familji jistghu. U tassew bizzejjed uiehed isemmihom b'isimhom: ta Buttigieg, ta Torreggiani, ta Brignone, ta Carmana, Azzopardi, Pullicino, Debono u il bkija. Issa fost daun ma chienetx nkill ankas die ta Xerri. Hecc li meta Albertu Xerri, missier Dun Michiel tejjeg ma Anni Galea ghandhu xhud il manifcu Arcanglu Pullicino u it-tabib Marin Buttigieg (2). It-tieg sar fid-19 ta Settembru 1735 u hieren Dun Giusepp Xerri, hu Albertu. Anni ucoll chellha lil huha kassis, Dun Giusepp Galea, Vici tar-rahal, li fil chitba ta dac iz-zmien sibnieh imfahar bhala ragel fuk ir-rgiel, ta hajja l'actar kaddisa, li miet b'meuta l'actar sabiha fil jum 22 ta Jannar 1778 (3).

Dan ghednieh biex nuru li *scond iz-zocc il fergha* u li Dun Michiel chellu lil min jixbah.

Hu tuieled fil jum 29 ta Settembru 1737, u semmeuh Michiel ghal missier missieru. Chiber u hass ruhu imsejjah ghal kassis. Nahsbu li zijetu il kassisin ma naksux li ma tauhx l'euuel taghlim. Meta tfarfar izda, biex jistudia ahjar, siefer. Dan jghidulu zeug chittieba li jidhrilna li tista tasseu tokghod fukhom. Infatti Mons. Mifsud (4) jghidilna li Dun Michiel mar jitghallem f'Napli ghand il Prof. Genovesi, u Mons. Vinc. Caruana Gatto jghid ucoll li hu compla li studji tighu fil famusa università ta Montpellier gewwa Franza (5).

Daun li studji però li ghamel barra ma setghux iennu bhief danc tal letteratura u il filosofija, ghax it-teologija hu sgur li tghallimha hauu Malta fis-seminarju ta li Mdina li f'dic il habta chellu imexxieh bhala Rettur il chir gharef zebbugi, Duttur D. Salv. Pace (6). Dan chien ihobb izomm il conclusionijet pubblici, jigifieri bhal disputi, u f'uahda minn daun li saret f'Giunju 1758, fil Catidral, nara nofs inhar, hadu sehem li studenti Michiel Xerri, Frangisc Sapiano u Pelagiu

Grugno (7). F'dic is-sena Xerri ordna suddiaconu minn Mons. Rull.

Zaghzuh gharef u zelanti chien ghadu diaconu meta tauh il panegiricu ta l'Isem imkaddes ta Maria li fil Congregazioni tahha li hemm minn nisk zmien ilu imwakkfa fil cnisja arcipretali ta Haz-Zebbug Dun Michiel malajr dahal. Ftit nara kaddes l'euuel darba flmchien ma erba ohra mill li stess rahal li chienu Dun Gius. Cauchi, Dun Gius. M. Pullicino, Dun Giuannu Bonnici D.D. u Dun Vestru Curmi. Dun Michiel baku jokghod ir-rahal fejn ta siquit issoeta isemma il chelma t'Alla (8). Hua chien jghallem li scola u ghalhece li chien u baku sal-lum magharuf bl'isem ta *is-surmast Xerri* u nahsbu li chieu uiehed minn dauc it-tnejn li il Conti Ciantar jghid li chienu jatu lezionijet tal grammatica f'Haz-Zebbug liz-zaghzah ta dic il habta (9). Fost daun iz-zaghzah ma jistax jonkos li ma ffissrux culemm hut Dun Michiel stess Salvu, Giannimu u Gian - Batist li l'euuel tnejn saru kassisin u Salvu fli stess hin avucat ucol fil uakt li er l'ahhar dahal religius dumnican fejn issemma hafna ghal ghorfu (10).



**Facciata tal cnisja ta Haz-Zebbug chif chienet fi zmien Dun Michiel Xerri.**

Izda l'akwa ta gherf Dun Michiel chien fil filosofija u il matematica. Ghalhece fir-riforma ta li studji tal cleru li scond il *Motu Proprio* tal 25 ta Giunju 1777 il Papa Piu VI chellha tigi imdahhla fis-seminarju Dun Michiel nara li chien digia sar profes-sur tal filosofija u il matematica la-bak Rettur ucoll ghax l'Iskof Labini deherlu li ma chienx hemm bnie-

dem gemna Malta li seta jakdieh abjar f'din il biccia xoghol hecc delicata.

Chien hemm f'dic il habta raxxa abbatini semma minn Haz-Zebbug jitghallmu fis-seminarju l'izjed izda li chien mahbub mir-Rettur Xerri chien iz-zaghzuh Saverju Caruana (11). Darba Dun Michiel ried jaghmel prova tat-talent li chellu. Uara li chien fisser l'ctar mhabbel fost it-Teoremi ordna lill Caruana li imur kuddiem it-tabella biex juri il proposizioni jigifieri chif iz-zeug quadrati tal cateti isarrfu xorta uahda daks l'ipotenusa. Ma chienetx chelma! Hareg Caruana minn postu u collox fisser chif riedu il Prof. Xerri (12). Din il hbiberija ta dann iz-zeug zebbugin ebar katt ma inkatghet izjed u nimmla jassienrana l'aehar ghadu li chellhom jigifieri Ransijat li faccarhielna fil hin ta l'arrest ta Dun Michiel uara il congiura (13).

Uara snin li chien ilu Professur u Rettur tas-seminarju Dun Michiel gie mahtur bhala Professur tal filosofija fl'Università tal Belt u hann hu nizel jokghod ghal collox f'dar li chien chera minn ghand il Patrijet Carmelitani li chienet tigi taht il cunvent taghhom fejn hu chien jghix hajja l'actar mighura imxighel biss kalb il mahbuba cotba tighu (14).

Hann sabitu id-dahla tal francisi f'Malta u fost il chir taklib li dann bla hsieb ta xejn bdeu idahhlu f'Malta il Prof. Xerri chien uiehed minn dane li ma giex minnhom imkankal minn postu, hagia din li ittina x'nahsbu li Napuljun u dane ir-ruxxinata ghorrief li chellu mighu meta gie hann Malta chienu gharfu id-dehen tal chir zebbugi li mill bkija ta dan jatina xhieda, fost tant ohrajn, il fuk imsemmi Ransijat (15). Dun Michiel jista uiehed jghid li xejn tasseu ma chien jonksu imma min ihob bil kalb ma jokghodx b'sabru jecc jara mahkur l'oggett ta l'imhabba tighu. U l'akua hagia li uara Alla Dun Michiel chien ihobb chienet Malta. Malta taghna, Malta il fiur tad-dinja. Malta is-sur ta l'isem nisrani fl'Europa. Sejjer mela Dun Michiel jibka lura u ma jakbessx ghal Malta uakt li jaraha imcasbra mill francisi, minnhom misruka il cnejjes taghha, mahkurin b'cull mod ulieda fl'isem ta libertà l'actar karrieka? Le, katt u katt? Il Patria chienet keghda issejjahlu u hu l'iben fidil mar imiegeb chif issa sejrin insemmu.

Chien jinsab hann Malta f'dic il habta certu curunell Gulielmu Lorenzi mill Corsica. Dan uara li fl'ahhar snin ta l'Ordni ta San Giuann chien ta ruhu bhala cursal fuk il bahar u staghna bil hafna prejjes li kabad, mar dahal ma l'armata tal Czar tar-Russja li allura chien Paulu I. Billi dan il Czar chien ried jiehu lill Malta taht idejh, inkeda b'dan Lorenzi u baghatu jahdimlu minn taht hann Malta. Hu ghalhecc uera ruhu habib chbir tal Maltin hecc li dann chienu saru jafdauh ghal collox. Fi zmien l'imblocc tal francisi hu chien irnexxielu li jidhol fil Belt fejn malajr ghamel habib ma Dun Michiel Xerri. Billi Lorenzi minn uc'hu ma chien jiehdu hadd u xejn ankas minn ilsienu giabar madoaru l'akua Maltin ta gemma il Belt u ubbilhom b'congiura li biha chellu jekred il francisi u jiftah il Belt halli jidhlu gemma fiha il Maltin.

Il pian ta din il congiura chien minsug chif issa sejrin insemmu. Il Curunell Gulielmu chellu jati is-salt ghal gharrieda fuk il palazz magistrali fejn chien jinsab il General Vaubois bli stat maggiur tighu, D'Amato, fizzial

ta l'antic regiment maltí, chellu jiehu lill Putirial u jilka lill francisi, Peralta, fizzial iehor tal cacciaturi, chellu jassalta il bieb tax-xatt, Pulis, profumier tas-sanità, jahbat ghal bieb ta Marsamxett. Capijet ohra jahtfu il forti San Giacbu u il Bergia ta Castilja u Dun Michiel Xerri jassalta u jiehu il fortizza ta Sant'Elmu.

Tlieta ohra chienu imdahhlin f'din il congiura, certu Satarianu, fizzial dan ucoll ta l'antic regiment maltí chellu iforni schiechen u bajjunetti, fizzial iehor uhalu, Vella, chellu jahseb ghal iscratec, u Dun Bartulmeu Zarb, kassis zaghzuh minn Haz-Zebbug, impiegat San Giuann tal Belt, chellu jibda idokk habta u sabta il kniepen ta San Giuann bhala sinjal lill congiurati biex jahbtu ghal francisi.

Ghalchemm chienet ta sugru uisk ehar il congiura izda, chif jassicudana sahansitra li stess Ransijat, chienet mahsuba uisk tajjeb. Izda l'imsejena Maltin sabu ruhhom milghuba. Certu infami traditur griec indehes mahhom u mar spiusa collox lill General Vaubois, u billi chienu inkabdu 34 suldat maltin li chienu inhbeu fl'imhazen ta Marsamxett biex ma bosta nijet ohra jatu is-salt lill Belt minn barra, dlonc Vaubois uakkaf cummissioni tal guerra biex tiehu hsieb din il biccia.

Malli dauc ta genua il Belt indunau li inkabdu dauc l'34 suldat li semmejna dlonc tau l'ordni biex il congiura genua il Belt tituakkaf u ma issir xejn izjed il barra minn dan f'dac il lejl stess, li chien bejn il 11 u it-12 ta Jannar 1799, chien dahal fil port ta Malta bastiment giunis li gieb ahbarijet uisk tajba ghal francisi. Inhallu hauu jidhaddet lill Dun Michiel li ftit kabel ma gie arrestat baghat din l'ittra li geija, lill Cmand ta Birchircara, u Cap tal camp tal Gharghur, Vincenzo Borg.

"Uisk ghaziz habib tighi.

Il nasla bla hsieb li grat fil-lejl li ghadda ta bastiment giunis li gighet lill francisi ixerrdu ahbarijet tajba u ta hena, fil uakt li imliethom bil briju, u il curagg, chienet il htija li ma sarx dac li l'euuel cont nieghedtec. Dan uela chien il htija li sfratta collox, chif ghandu jgharrfec ahjar certu ragel li malli ieun jista jigi ghandec u jghidlec collox hagia b'hagia. Ghal l'euuel conna hsibna li inhallu collox ghat uara nofs inhar, imma billi iddubbit uisa li id-dakk tal kniepel u it-tluh tal bandiera li conna semmejna seta jittiehed bhala tradiment dehrilna li ahjar inuakkfu collox, chif ieun imgharraf. Ghader u iccmanda lill......... Nirraccomandalec bl'achar heura li tokghod b'seba ghajnejn biex ma ieunx hemm xi spinn u jiexef din il hagia; il ghaliex inhabba xi uiehed furzat li harab il bierah minn hinn ghal hauu, gen makbuda tnejn tnejn il furzati li hafna minnhom chellhom ieunu maghna, hecc illi bkajna nieksin minn din l'ghajnuna ucol li ma chienetx ta min jmakdarha. Nitolboc ghaldakstant li izzomm collox mohbi biex ma jigux jafu b'dac li fi hsiebna naghmlu (16)."

Minn din l'ittra jidher li Dun Michiel Xerri chien ghadu ma jafx b'cull ma giara u li chien ghadu ma katax kalbu. Jahasra izda uisk tajjeb chien jaf b'collox Vaubois li malajr ordna l'arresti tal hatja li bakghu sejrin sa bil-lejl u intelghu fil ghadd ta 74 uiehed.

Jisghobbina hafna li imhabba finnukkas ta uica ma nistghux intgharrfu iaktar fuk fuk chif sar il process ta Dun Michiel, il mistoksijet li ghamil-





Il facciata tal bieb u it-tarag tad-dar fejn tuielod **Dun Michiel Xerri**, f'Haz-Zebbug.

lu Vaubois u it-tuegib ta filosofu kalbieni li tah il Prof. Xerri. Dan it-tuegib chien hecc ciar u curaggius fuku in-nifsu, bla ma semma l'ebda chelma li setghet b'xi mod tgharrak lill shabu, li Vaubois, ghad li xtak uisk li isalva il hajja prezzjusa tighu (17), kata kalbu, u iccundannah ghal meut billi chellu jigi xenbettjat fi zmien ta 24 sigha.

Il Baruni Cav. Dr. Vincenzo Azzopardi, dan ccoll zebbugi mill akua, tu mpar Dun Michiel, u li cull ma sar fi zmien il francisi collu giara taht ghajnejh. hallietna din id-descrizioni tal meut tal Prof. Xerri li ahna ingibuha chelma b'chelma: Laka Dun Michiel l'ahbar tal meut bla xejn ma thammad chelma b'chelma: "Laka Dun Michiel stkarr li sejjer imut cuntent ghal l'art tuelidu u ferah li ma chixef lil ebda uiehed minn shabu.

Meta jum il meut nasal il prigunieri geu imcarcra bhal chieen bi tronf sa genna il piazza tal libertà fejn chellhom jigiu immehhija. Dun Michiel deher liebes ta kassis kalb l'ohrajn, collu mixghul bil curagg u ubbidienti perfettament fejn il ligijet li chienu iccundannauh. Hu b'lehen gholi u shih ma tul it-triek kghad isabbar lil shabu bi chiem collu tieba u hlewa. Meta hu usal fuk il post fejn chellha tigi immehhija hajtu, regia b'actar forza beda ikanni kiub l'imsejena shabu u ifarraghom sa l'ahhar mument bil ghajnuniet tar-religion. Uara li hecc hejja lill cu'lhadd hu baka sa l'ahhar bla ma beza xejn minn dac li chellu jigri, kaghad gharcuptejh u talab ghajnuna u mahfra mis-sema. Uara dan bla ebda taulik imma b'harsa l'actar shiha, ta lis-suldati is-sinjal li jaghmlu dac li ordnaulhom. Il hatja collha b'idejhom miftuha ghajtu ghalanija: "Aila kaddis icolloc hniena minna!" U malli hecc kalu nakghu iccoll fl'art mejtin, u bakghu vittimi tal meut li gloriosament giarrbu ghal l'imhabba tal-art tuelidhom (18)".

U nghaiku haun dann il chelmtejn fkajrin taghna bi tnebbiha liz-zaghzagh tal-lum li fuk dan il kalbieni Eroe Zebbugi naorru ifasslu il caratru tal hajja taghhom biex ghada pitghada lilhom ucoll jinghata it-tifhir li tabilhakk gie mogħti lilu. U xejn, dann l'ghaziez zaghzah, ma ghandhom ghax jaktghu kalbhom imhabba fit-tabbit mehtieg biex uiehed jieseb il vera virtù, u uisk ankas ma ghandhom jitilfu il curagg ghax jaran lill din il virtù ma tigix dejjem imhallsa bhalma jixirkilha, anzi li xi drabi tigi hi imnarrba u ippremiat minn xejn ma chien jistħokklu, imma izzommu dejjem kuddiem ghajnejhom dac l'unur l'actar sabih li il virtù iggib hi stess mahha li jigifieri hi fiha infisha l'achar hlas li katt uiehed jista jixtiek! "*Virtus ipsa sibi merces est*".

L. VELLA.

## NOTI :—

(1). Ara "Malta Illustrata" tal Conti Ciantar, Lib. 1, Not. VIII, par. 24.

(2). Dun Arcanglu Pullicino jigi in-nannu tan-nannu tal mejjet Imhallef Giov. Pullicino, missier Sir Philip. It-tabib Mariu Buttigieg uera chien mar Ruma fejn sar kassis. Uara gie haun Malta u bena minn flusu f'Haz-Zebbug il cnisja tal Madonna ta l'Angli. Miet fis-26 ta Lulju 1777.

(3). Il ctieb li minnu hadna daun l'ahbarijet fuk dan Dun Giusepp Galea, u il meut ta xi kassisin ohra mir-rahal haun insemmija, hu dac li fih jitnizzlu il meutijet u il funerali tal congregati fil congregazioni tal kassisin ta Haz-Zebbug. Minn dan li stess ctieb naghrfu li iz-ziju l'icher ta Dun Michiel, li chien Dun Giusepp Xerri, miet fil 21 ta Marzu 1773, u gie midfun fil cnisja tal Minuri Osservanti tar-Rabat, liebes bit-tonaca tahhom, ghal cbira devozioni li chellu lejn il Patriarca San Frangisc.

(4). Ara "Origine della Sovranità inglese su Malta" ta Mons. A. Mifsud, pag. 212.

(5). Ara "Biografia di Mons. Arcivescovo Franc. Sav. Caruana" mictuba minn Mons. Arcid. Vinc. Caruana Gatto, pag. 9.

(6). Ara x'isemmi fuk dan il famus gharef zebbugi it-tuajjeb Dun Salv. Ciappara fil ctieb tighu "Storia del Zebbug e sua Parrochia", Cap. X, pag. 45.

(7). Ta din il conclusioni pubblica il haun semmejna baka tifchira f'diploma uisk sabiha stampata f'dic is-sena. Dan id-document interessanti jinsab merfuh ghand l'Avv. Giov. Bonnici.

(8). Dan jidher minn diversi cotba ta l'amministrazioni tal cnisja ta Haz-Zebbug chif chellu uccll l'occasioni li nurih lill maghruf chittieb E.B. Vella li jonorani bil hbiberija ghazira tighu.

(9). Ara "Malta Illustrata" fil post 'nk imsemmi.

(10). Dun Salv. Xerri miet uara marda tuila tad-deni, nhar il jum 20 ta Settembru 1823, meta chellu 84 sena. Hub Dun Giuann miet fit-28 ta Dicembru 1828, u gie midfun fil cnisja tal Capuccini tal Furiana ghal gibda li chellu lejn dar l'Ordni.

(11). Minn manoscritt antic li gie f'idejna sirna nafu li daun il chierici chienu 32 uiehed. Fosthom ta min isemmi lil Dun Bartolomeu Zarb li gie xcubettiat ma Don Michiel Xerri, u lill Dun Giusepp Formosa, Cappillan l'actar benemeritu ta Hal Kormi.

(12). Ara "Storia del Zebbug" ta Ciappara, Cap. XXIII, pag. 85.

(13). "Intimo amico del Can. F. Sav. Caruana capo dei ribelli nella campagna" hecc isejjah lill Dun Michiel il chittieb Ransijat fl'opra tighu "Giornale dell'assedio e blocco di Malta", pag. 40.

(14). Minn daun il cotba Dun Michiel isemmi fit-testment tighu li ghamlu haun il-lejl kabel ma tauh il meut fl'attijet tan-Nutar Gius. Bonavita li hu chellu fid-dar tal Belt haunea librerija li collha hallihom b'xhieda ta kima u imhabba lis-Seminarju ta Malta. Minn dan it-testment narau ucoll x'gibda bakghetlu sa l'ahhar lejn il cotba. Infatti hu isemmi chif chien ghadu chif gieb minn Napli xi opri giodda li ma chienx lahak hallashom u ghalhecc ordna lill uerrieta tighu biex ihallsu tahhom lis-Sac. Dun Paul Busuttil imlakkam "Tar-Ramli" li chien bachat giebhomlu. Dun Michiel chien ucoll dilettant hafna tal chitba u halla m'hux ftit manoscritti li hu fli stess testment isemmi li riedhom li jigiu moghtija uara meutu lis-Sur Giuseppe Galea bin il Baruni Giov. Galea.

(15). "Don Michele Scerri che sembra aver rappresentato una delle prime parti nella congiura, veniva riguardato come uno dei maltesi più istrutti", hecc jissocta jghid li stess Ransijat fli stess post fejn semmejna fin-nota 13.

(16). Din l'ahhar ittra ta Dun Michiel bakghet mortugha b'ghozza cbira ghand ir-Rev. Dun Ghojt Sammut D.D. ta H'Attard. Hi bla firma imma nota li hemm mahha tghid hecc: "L'ultima lettera scritta dalli signori Don Michele Scerri e Capitan Lorenzi scritta al detto signor Vincenzo Borg". Issemmi lill Lorenzi ghax dan chien zied xi hagia fiha li ahna imhabba fil kosor hallejniha.

(17). Ta din ix-xeuka li uera il Gen. Vaubois biex isalva lill Dun Michiel li turi xi stima chellu tighu jatuna xhieda bosta storici. Insemmu biss fosthom lill Prof. Gio. Ant. Vassallo fl'opra tighu "Storia di Malta", par. 3. cap. XXXV, pag. 184, u lil Ciappara fil ctieb tighu fuk imsemmi, cap. XIX, pag. 74.

(18). Ara il ctieb tal fuk imsemmi Bar. Azzopardi li jismu "Giornale della presa di Malta", pag. 119.

# Il Francisi f'Malta u Dun Michiel Xerri

Hia hagia tebsa li fi grajjet hecc cbar icolloc titchellem fil kosor, izda meta hemm il htiegia li tghid xi hagia jehtieg li taghmel imkar dac li ma teunx tixtiek taghmel. Halli, mela, nghidu xi hagia mill'iksar li nistghu.

Napuljun Bonaparti chien ilu imxennak ghall Gzira taghna. Fid-9 ta Giunju 1798 l'armata francisa: erba mija u tnejn u sebghin bastiment, dehret fuk ix-xefak ta Malta u Ghandex. L'ghada (10 ta Giunju) bil chemm chien sebah, x'hin resku lejn l'art cotra ta frejgatini. In-nies sbarcau u bdeu dehlin genna il campanja. X'setghu jaghmlu taghna? Inkas biss jisparau, ghaliex il biccia il cbira ta li scartocci chienu mimlija bit-trab tal fiham (1); ghalhecc il Gran Mastru Hompesch telak il Gzira f'idejn il francisi u erhielha ghall Trieste. Dan chien il jum tat-tmiem tal Cavalieri ta San Giuann minn Malta, 12 ta Giunju, 1798.

Izda il giurnata minn filghodu tidher, jghid il malti, u mal francisi mill l'euuel bdejna hazin. Nakrau fil ctieb ta Chesney: *Historical Records of the Maltese Corps*: Bonaparti siefer bl'armata ghall'Egittu fid-19 ta Giunju; u mighu ha il fided u il gid collu li chien hemm f'San Giuann u fil cnejjes li chienu jaghmlu mighu; il fided ta li sptar, tal bereg u tal palazz, chienu tchissru, saru ingotti, u tghabbeu biccia fuk il frejgata *Sensibile*, u biccia fuk il gifen l'*Orient*, li



**Il bieb tad-dar ta Dun Michiel Xerri fit-triek li illum hia imsejha ghalieh, f'Haz-Zebbug.**

uara granet inharak fil battalja ta A-bukir, u mar collox f'kieh il bahar. Il frejgata chienet gibdet ghal Marsilja. Chien ha ucoll Bonaparti chemm dehebijet u hagiar prezzius chien jinsab fit-tesor: ha b'collox b'chemm jisueu tliet miljuni scudi, bejn deheb, u fided, u flejjes, u huejjeg ohra.

Giara li fit-2 ta Settembru telghu xi nies l'Imdina, mibghutin mill Gvern biex igibu it-tapizzerija u xi fided tal cnisja tal Carmnu. Izda tifel dakk il kampiena, in-nies ingiabret, dauc be-zghu u regghu nizlu lejn il belt. Uara ftit il fizzial ta cumpannija francisa ta l'Imdina, Masson (jinkara *Mazon*), mar ir-Rabat fejn chienu mig-mugha bosta nies, b'tenent u suldat mighu; chien bix-xabla mislufa u uera li kighed jhedded lin-nies. Bdiet



**Il Can Dun Saverio Caruana, Cap Cmandant tal Maltin fil blocc tal francisi.**

Bdejna hazin u issuctajna aghar, mig-ghalhecc il poplu collu beda jobghod lill Francisi, u chien lest biex ikum ghalihom.

xi tisfira, xi gebla; Masson uakaf; il poplu gera uarajh; dahal ghand uieħed nutar (Bezzina) u ghalak il bieb; il poplu scassa, kabduh u xeħtuh mill gallarija ghal isfel. Miet; lis-suldat katluh ucoll; it-tenent laħak gera ghal gio l'Imdina. Chif giara dana, il kniepen collha tar-Rabat bdeu idokku; jinbaghtu nies fir-rhula collha; giri minn cullimchien ghan-naħa ta l'Imdina, u fi ftit sighat rivoluzioni ma Malta u Ghaudex. Sabu armi f'Sant'Anton, u Ħaz-Zebbug, fejn katlu is-Sur D'Oste, Malti, li chien uieħed minn tal *municipalità* (2), u dauc l'armi chienu taħt idejh. Chemm chien hemm azzarini u porvli fil campanja, f'mument ingiabar. Staneg, xuabel, schiechen, imnanar... jisua collox. Beda in-nar mill'Imdina.

L'ahbar tar-rvell uaslet geuua il belt filghaxija. Vaubois (tinkara Vubuà), general francis, baghat bilgri suldat fl'Imdina ghand it-tenent tal cumpannija b'ittra, fejn kallu li ghandu filghodu jibghatlu mitejn ruħ ohra. Dac is-suldat uaka prigiunier kabel ha ir-risposta, u l'ittra giet f'idejn is-Sur Manuel Vitali, uieħed mill capijiet tar-rvell. L'ghada filghodu (3 ta Settembru) in-nies li chienu ingemghu fir-Rabat dahlu fl'Imdina. Il Francisi offreu li icedu, u il Maltin kalu iva. Meta chienu fil ftehima, uħud mis-suldati francisi ghamlu in-nar u katlu erba Maltin. Chien bizzejjed :- in-nies tal campanja inxteħtu fukhom u katluhom collha, sittin uieħed, haduhom u harkuhom fuk l'Imtarfa.

Meta il Maltin jisħnu f'demmhom (hecc chien u hecc ghadu) hadd ma izommhom. Uieħed minn ta din it-taktigha, certu Santu Formosa, uahdu bix-xabla tighu, katel 24 minnhom, uieħed uara l'iehor; u, chiecu fl'ahjar ma inkasmitlux tnejn, chien joktol ictar! (3).

Imma ghal gieh ta li storia irridu haunhecc inghidu ucoll illi ma hu xejn minnu dac li chiteb Dr. Ghejtan Gauci (4), fejn kal li: "il bdieua, meta scannau il Francisi ta l'Imdina, kalghulhom fuiedhom, sajruh bi hruxija cbira u chieluh." Zied jghid ucoll li: "bis-sjuf fi grizmejn il Maltin li chienu izommu mal Francisi, giaghluhom jiedu mahhom." U ftit kabel, chien kal li: "il bdieua, b'sahna tal bheijem (*furore ferino*), uara li scannau is-suldati,. kattghu chemm tfal u nisa sabu kuddiemhom..." Ahna b'idejna fuk sidirna nistkarru li dan katt ma krajnieh imchien: anzi, krajna li: "il Maltin katlu il Francisi collha, *barra mill mara tal Cmandant Masson!*" X'kabza!

Jehtieg li nigru ftit biex ma intaulux; ghalhecc halli nghidu hagia ohra fuk il congiura tal belt.

Ħaz-Zebbug ghandu ghaliex jiftahar li fieh tuieled ir-ragel kalbieni Dun Michiel Xerri. Gie fid-dinja fis-sena 1737; ommu chien jisimha Anni u missieru Bartilmeu. Mic-cioc̄on nett ħera il hajra u ix-xejra ghal kassis; beda jitghallem haun, imbaghad siefruh, u meta ragia lura, hatruh Professur fl'Università u is-Seminarju. Ma l'gherf chellu it-tieba; chien habriechi u collu imħabba ghal l'art tuelidu u ghalhecc hua chien uieħed minn tal congiura contra il Francisi, kabduh ma shabu u tefghuh il ħabs.

Xtak il general Vaubois li hill Dun Michiel jghaddihielu lixxa; u dan ried jaghmlu, m'hux jeuuilla ghax chien ihobbu jeu ghax henn ghalieh, imma ghax chien jaf li hill Dun Michiel Malta bi hgara chienet tkimu. Izda Dun Michiel li chien il veru mu-

dell tar-rgiulija, stkarr b'ilsienu kuddiem il cunsill tal guerra li hu chien uiehed minn tal congiura, anzi l'ictar li habrec ghaliha. Stagħgeb il general bil curagg ta dan il kassis zebbugi, izda ma setghax jonkos li jaghmel dmiru, u lilu u lit-tnax l'ohra shabu katahhiellhom li l'ghada, 17 ta Jannar 1799, ictunu xcubettjati f'nofs il piazza tal Belt.

sejrin tafuh issa; nasal il hin li ahna nuricom li ahna nafu immutu ta kuibiena ghall pajjisna. Igbdu ghal sidrna, ja ulied ta Franza; izda, meta tmorru pajjiscom, ghidu lill hutcom li il Maltin jafu imutu ferhanin ghall pajjishom. Igbdu, ahna lesti, evviva Malta! Alla maghna!

Ma din l'ahhar chelma nakghet hemda, imbaghad insteughu chemm



**Fucilazioni ta Dun Michiel Xerri u ta shabu tal Confoffa.**

Dun Michiel collu ferhan li sejjer jati hajtu ghall pajjisu, beda jaghmel il kalb lill'ohrajn u jghidilhom: "La tbzghux tmutu, issa hua il nakt li turu hilitchom! Ftacru li sejrin natu hajjitna ghal pajjisna; Alla ieun jafulna u ihenn ghalina. Imbaghad gholla is-salib li chellu f'idu, bierec bieh lill shabu, u ghajjat:

— Suldati ta Franza jecc ghadcom ma contux tafu x'isarrfu il Maltin,

il tir f'dakka, u instabtu ma l'art ittlettax il Martri li tau hajjithom ghal gieh u ghal l'imhabba ta art tuelidhom.

Ma hemmx ghal fejn intaulu ictar. Il francisi cedeu, imbaghad, uara, fittrattat li sar f'Parigi, fit-30 ta Mejju, 1814, gie mictub illi "Malta u il gzejjer tahha ghandhom jibkghu taht l'Inglisi", u hecc bakghu, ghax hecc tabilhakk jisthokk, la darba xortina minn

zmien il *Fenici*, dejjem chienet fi hdan ir-Rgejjen tal Bahar! U ghandna biex u f'hix niftahru, il ghaliex sa minn dejjem il Maltin chienu nies kalbiera, rajnieh bid-deher; u, uara li ahna hlisna minn chemm il gens ta hacchiena, fosthom l'ahhar il francisi u gibna hauu minn jeddna lill'inglisi, bkajna dejjem bhalma conna: nies kalbiena u li nafu inkumu ghall xulli minn inissitna jeddna.

(1) **Ara manuscritt Nru. 62 fil Biblioteca**

(2) Uiehed mill'ufficcijet li ghamel Bonaparti.

(3) Mons. Mifsud, "Origine della Sovranità Inglese su Malta", pag. 212.

(4) "Della Presa di Malta della Rep. Francese", librett ta 46 pagina mahrug fissena 1899.

SALVU AGIUS..